MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 714/2008

**Mirage Holdings Ltd.**

**Vs**

**Francis Chetcuti**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-26 ta' Settembru 2008, illi s-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Francis Chetcuti ihallas is-somma komplessiva ta' hames mija u tnejn u erbghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€542.74) rapprezentanti l-ammont ta' erba' mija u tmienja u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€468.20), prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, kwantu ghal erbgha u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€74.54) ta' imghaxijiet.

Bl-interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut kien debitament notifikat, la deher ghas-seduta u lanqas ppresenta risposta.

Sema' lill-Avv. John Buttigieg bil-gurament tieghu jikkonferma ghan-nom tas-socjeta` attrici illi l-ammont reklamat ghadu dovut, u dan fis-seduta tal-llum istanti.

Fin-nuqqas ta' risposta u oppozizzjoni, it-Tribunal ma jarax ghaliex m' ghandux jakkolji t-talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz mhux opposti, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€542.74), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------